

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7663 — DTZ/Cushman & Wakefield)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 253/14)

1. Fl-24 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-imprezza DTZ (USA) ikkontrollata minn TPG u PAG Asia Capital jakkwistaw(takkwista) fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Cushman & Wakefield kollha kemm hi (l-Istati Uniti tal-Amerika) li bħalissa hija kkontrollata minn Exor SpA permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-imprezzi kkonċernati huma:

- għal DTZ: ttiprovdi servizzi ta' proprjetà immobbli fl-Asja, l-Ewropa, u l-Amerika ta' Fuq; DTZ tirrappreżenta kerreġja u sidien fi tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli, tagħti konsulenza fuq konsulenti tal-proprjetà immobbli, u ttiprovdi konsulenza, manġment tal-proprjetà, u servizzi ta' evalwazzjoni,
- għal Cushman & Wakefield: ttiprovdi servizzi ta' proprjetà immobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7663 — DTZ/Cushman & Wakefield, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).